tfaċċajt jien u sħabi... l-injam tmermer. Mill-qagħda tagħna, mixħuta fl-art kif konna, sawrulek mill-ġdid il-kobor tar-Ruman... Bravu l-arkijologu! Jien musmar!

Kemm-il darba widdbek missierek — miskin — biex dik il-gradenzina — kopja vili — ma tmisshiex.
Ħadha għand it-tali, ġabarha qal, illustraha. Ma jkun ġara xejn, imma min jaf xi plejtu jqajjem jekk jien u sħabi nerħu l-qabda ta' bejn injama u oħra... miskin...

Jien musmar, imwaħħal ma' bieb... il-Palazz... il-Kristanija ma'... Żammejtlek dak il-bandu li bih qajjimtlek rewwixta kontra il-Ħakem. Urejtek l-amar, ħanin jew kiefer, tas-Sultan. Ħeġġiġtek fi tfittxija ta' dak il-qattiel. Ħabbartlek il-ħelsien ta' l-ilsiera. Żammejtlek ukoll il-kitba ta' Pilatu!

Jien musmar, midfun f'qabar qrabatek biex, sa l-aħħar skalda ħadid imsaddat, niġbor f'tebut l-għożża li kellek!

Jien, ħabib, biċċa musmar!

* * *

## "IL-ĦELSIEN"

**ta' Giuseppe Rosella**

It-torċa umana PALACH
tissejjaħ ħelsien.
il-għajta Panagulis
tissejjaħ ħelsien.
Il-mewt ta' John Kennedy
tissejjaħ ħelsien.
Robert Kennedy u Luther King
igħajtu ħelsien.
Il-bniedem igħix ħieles
iżjed wara li jmut.
X'inhu l-ħelsien?
Id-demm hu l-veru emblema
ta' l-imħabba u l-ħelsien!

**(Traduz. ta' Albert M. Cassola)**



# REĊENSJONIJIET

**L-ILMA TAL-WIED: poeżiji ta' Ġorġ Borġ; ritratt tal-qoxra hu skultura ċeramika ta' l-artist Gabriel Caruana. Lux Press — Malta.**

Bħala riżultat ta' dak li għadda minn għalih fl-avventuri spiritwali, mentali jew le, ma' tul il-ħamsa u għoxrin sena ta' ħajtu (1946-1971), Ġorġ Borg, fl-1973, tana f'idejna *l-Ilma tal-Wied*: ktejjeb li jiġbor fih damma sabiħa ta' 70 poeżija, x'aktarx qsar — xi wħud minnhom ta' ftit versi biss — imma li kważi kull waħda minnhom turi xena jew kwadru, toffri ħsieb jew sentiment li jolqtok u jħajrek tieqaf taħseb, titgħaxxaq jew tixxennaq, meta ma jġiegħlekx tibda titħasseb fuq ħajtek għax tinduna li inti wkoll ġarrabt l-istess tqanqil, għaddejt mill-istess avventuri, ilmaħt tixbihat figurattivi jlellxu fi ġmielhom bħal: "*... meta l-lewża żahret/sabitni taħtha/inkabbar il-kuntrast/bl-inwar li jiena/b'xufftejja għafast*"; imma jaħasra, dawk tagħna, għall-kuntrarju ta' dawk tal-poeta baqgħu misrura f'moħħna u f'qalbna, moħbija taħt l-istar ta' nuqqas ta' ħila li nesternawhom, noħorġuhom għall-beraħ għax ukoll meta nipprovaw, dejjem jiġrilna bħalma xi darba jiġri lill-poeta tagħna: "*u dlonk nara l-linka tinxef/biex lil ħsiebi ma tfissrux/u kull vers jintilef, jaħrab/biex fid-dinja ma nsibux.*"

F'din is-sensiela ta' poeżiji hemm tassew x'tammira. ħsieb aktar sempliċi imma profond fis-sempliċità tiegħu li jiġbdek; kuntrast bejn idea u oħra hekk li jiċċaraw lil xulxin, u fl-istess ħin imressqin f'leħħiet ta' dwal imlewna, qishom pinzellati mgħaġġla mill-paletta tan-Natura kollha ħajja għal min iżomm għajnejh miftuħa. Għedt ħsebijiet ħfief jew tqal imma li fit-titjira tagħhom iwaqqfu jew inikkru lill-moħħ biex jimraħ aktar fuq il-wesgħat u l-bosta mogħdijiet li jinfirxu quddiemu. Dan hu minnu għax wara li taqra ftit versi tħossok titwaħħad mal-poeta bħallikieku huwa *hu* li qed jiddeklama *u mhux inti*. U meta tieqaf, jekk inti xi ftit sensitiv, tibda tixtieq ukoll li kellek is-sengħa li tagħżel il-kelma u tinsiġha b'dik l-arti fina meħtieġa sabiex toħloq l-armonija ritmika li tagħti pjaċir lill-widna bħalma hu l-vers mużikali ta' Borg: qisu xi qanpiena żgħira tal-fidda li twassal leħenha rqiq u ħlejju għand kulħadd u li kulħadd jisma' u jitgħaxxaq bih. Mhux ta' xejn li sew l-awtur fiż-żewġ kelmiet ta' Daħla kif ukoll Oliver Friggieri fil-Prefazzjoni, jistednuna naqraw dawn il-poeżiji b'leħen għoli; iva, jien hekk għamilt u nistqarr li ma smajtx kokofonija u lanqas dissonanza, anzi nħlejt wara xi versi.

Mela, mal-kobor tal-ħsieb imfisser bi ġmiel liema bħalu permezz ta' dak li l-Ingliżi jsejħu "imagery", u bosta drabi f'titjira lirika, hemm ukoll il-mużikalita' tal-vers; dawn iż-żewġ elementi marbutin flimkien huma sejħa universali — il-qalba tal-vera poeżija. Dan hu s-sigriet tal-poeżija ta' Borg.

Infatti, imsaħħrin mill-għanja sinċiera ta' dan il-poeta żagħżugħ, miegħu nħossu u nifhmu, naraw, nisimgħu...... u ntennu: iva, nistgħallu l-bikja tażżgħożija u nistmerru l-ipokrisija; ta' bnedmin ċkejknin li aħna ngħumu fil-ħsebijiet u noħolmu ħolm li jissejjaħ "il-ħolm tar-rejaltà"; imma niġġennu wara l-ġieħ ta' l-idijal mistiku u rridu li ħajjietna tkun "*blanzun merfugħ/ġo ġnejna kollha fwieħa/mhux tad-dinja, 'mma tar-ruħ*"; nitħassru lilna nfusna jekk fil-familja